**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Shemizen Attard**

**Kumpilazzjoni Numru:** 454/2020

**Illum, tlettax (13) ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Shemizen Attard** detentur tal-karta tal-identità 232099M akkuzat talli fit-tmienja (8) ta' Settembru 2020 u ix-xhur u snin ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer,

ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht is-sittax-il sena u cioe' -Omissis- mwielda fil-Omissis-;
Art 204C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hmistax (15) ta' Mejju, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' Shemizen Attard u cioè:-

1. Fl-artikolu 204C(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat u semghet ix-xhieda.

**IKKUNSIDRAT**

Xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** li pprezenta dikjarazzjoni gharrifjut tal-parir legali mmarkat bhala Dok. JBX u rapport immarkat bhala Dok. JB1. Jghid li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena 2019 ircieva rapport minghand certu Marija Bajada li hi psikologista forensika gewwa l-Agenzija Appogg fis-sezzjoni tac-*Child Protection*. Jixhed li din il-persuna qaltlu li kienet irceviet rapport rigward tfajla bl-isem ta' -Omissis- li kellha hmistax (15)-il sena. Jghid li kien qieghed jigi allegat li l-parte civile -Omissis-

kienet f'relazzjoni sesswali ma' guvni ta' wiehed u ghoxrin (21) sena u li minn tali relazzjoni l-parte civile kienet harget tqila. Jghid li gie rappurtat li tali tqala rrizulta f'korriment.

Ikompli jixhed li Marija Bajada rrappurtat li l-parte civile kienet qieghda tfalli l-attendenza gewwa l-iskola tal—Omissis- u dan b'mod regolari. Jghid li kien hemm anke allegazzjoni li omm il-parte civile kienet qieghda tingaggja f'certu xoghlijiet ta' prostituzzjoni u ghalhekk l-Agenzija Appogg xtaqu l-attenzjoni tac-*Child Services* sabiex jinvestigaw il-kaz tal-parte civile. Izid jghid li hu skopra li l-imputat u l-parte civile kienu jabitaw gewwa l-fond numru -Omissis- u cioè r-residenza ta' omm il-parte civile. Jixhed li hu baghat ghall-imputat fejn ittiehdet l-istqarrija tieghu u dan wara li nqrawlu d-drittijiet tieghu.

Jghid li fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena 2020 kien tkellem mal-imputat fejn l-istess Shemizen Attard qallu li kien f'relazzjoni mal-parte civile u li dak iz-zmien kien ghaddej f'perjodu mhux stabbli maghha. Jghid li l-imputat stqarr mieghu li kien temm ir-relazzjoni wara sentejn flimkien. Ikompli jghid li l-imputat stqarr li li m'ghandux tarbija mal-parte civile izda li kienet tqila u korriet.

Jistqarr max-xhud li z-zmien li l-parte civile nqabdet tqila hi kellha hmistax (15)-il sena u li bdew ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin sesswalment xi erba' (4) xhur wara li bdew johorgu flimkien.

Illi semghet lill-**Probation Officer Joseph Mizzi** li pprezenta Dok. JM1 li fejn kien intalab sabiex ihejji *social inquiry report*. Jghid li hu gie nominat sabiex ihejji tali rapport fil-konfront tal-imputat Shemizen Attard. Jixhed li hu kellem lill-imputat li kkopera mieghu. Jikkonferma li r-rapport jinkludi l-aspett legali fejn tkellem mal-Ufficjal Prosekutur u intervista mal-parte civile. Ikompli jghid li hu gabar informazzjoni fuq il-familja tal-imputat kif ukoll fuq it-trobbija tal-istess imputat. Jixhed li hemm inkluz il-vizzji tal-imputat u cioè li hu jaghmel uzu mid-droga kannabis. Jikkonferma li l-imputat qatt ma gie riferut ghal trattament ta' xi tip ta' kura.

Jghid li l-istess rapport jinkludi wkoll informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet socjali tal-imputat. Jikkonkludi r-rapport tieghu billi hejja pjan ta' kura ghall-imputat. Fost ohrajn hemm rakkomandat li l-imputat m'ghandux jiehu decizjonijiet ta' malajr u li ghandu jibqa' jimxi b'valuri sodi biex isib direzzjoni fil-hajja tieghu. Jikkonferma wkoll li l-imputat qieghed f'relazzjoni mal-parte

civile. Dan anke gie kkonfermat minn omm il-parte civile u li sahansitra l-istess omm ikkonfermat li ma hemmx problemi bejniethom u li tali relazzjoni hija wahda stabbli.

Jghid li hu kien anke gie nominat min din il-Qorti sabiex isegwi lill-imputat fuq ordni ta' supervizjoni temporanja filwaqt li jevalwa r-relazzjoni ta' bejn l-imputat u l-parte civile. Jghid li fl-appuntament miftiehem mal-imputat l-istess Shemizen Attard ma attendiex ghal tali appuntament u dan minkejja li kien mgharraf bid-data gimghat qabel. Minkejja dan jghid li hu ltaqa' mal-imputat u li seta' jaghmel certu konkluzjonijiet. Jikkonferma li l-imputat u l-parte civile ilhom f'relazzjoni ghal erba' (4) snin u li kull darba li jkollhom argumenti dawn jisfaxxaw fix-xejn u li ma jkunx hemm vjolenza involuta.

Jghid li dawn l-argumenti jibdew minhabba nuqqas ta' fiducja li z-zewg (2) partijiet ikollhom bejn xulxin. Minkejja dan, jixhed li hemm apprezzament bejn xulxin u li l-imputat ihossu komdu jitkellem mal-parte civile. Ikompli jghid li l-imputat stqarr mieghu li jhossu kapaci jikkontrolla l-mod ta' nfiq bil-ghan li jfaddal. Jghid li l-imputat ikkonferma mieghu li bejniethom hemm ix-xewqa li

jkollhom it-tfal. Ikompli jixhed li l-imputat juza d-droga kannabis u li oltre dan ma kienx hemm prezenza ta' vizzji ohrajn.

Illi semghet ukoll lill-psikologu <u>**Kevin Sammut Henwood**</u> li jghid li tkellem mal-imputat Shemizen Attard kif ukoll mal-parte civile -Omissis-. Jghid li l-inkarigu tieghu kien li jistabilixxi jekk iz-zewg (2) partijiet kellhomx livell ta' maturità emozzjonali sabiex ikollhom relazzjoni flimkien. Jghid li hu kellem lill-imputat darbtejn (2) mentri lill-parte civile darba (1). Jghid li wettaq maghhom kemm intervista klinika kif ukoll *mini mental examination* sabiex jistabbilixxi l-intellett taghhom. Jikkonferma li l-imputat intellettwalement jaf xi jrid u li huwa kapaci li jkompli man-nies.

Jixhed li l-parte civile iltaqa' maghha meta kellha sbatax (17)-il sena u ghalhekk hemm immaturità emozzjonali u li din l-immmaturità hija normali ghal tfajla ta' sbatax (17)-il sena. Jghid li minkejja li l-parte civile dahket ghal certu domandi li hu ghamel dan x'aktarx kien iktar jirrelata ghal fatt li forsi hasset ruhha mbarazzata milli mmatura. Jghid ukoll li llum il-gurnata l-parte civile ghandha l-fakultà biex tiddeciedi jekk tridx ikollha x'taqsam

sesswalment ma' xi hadd. Jghid li ta' hmistax (15)-il sena hu u nies fil-professjoni tieghu ma jaccettaw il-hadd li jiehu certu decizjonijiet u li dan il-prassi jghodd kemm mill-aspett legali kif ukoll dak kliniku.

Ikompli jixhed li l-parte civile u l-imputat ghadhom f'relazzjoni ma' xulxin u dan minkejja li jkollhom battibekki zghar bejniethom. Jikkonferma li l-imputat ma jikkontrollax lill-parte civile u li bhala livell ta' maturità huma kwazi l-istess.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' PC 2198 Jennifer Caruana li pprezentat rapport immarkat bhala Dok. JC1.

Semghet lil PC 276 Gregory Attard li gharaf lill-imputat Shemizen Attard u jghid li l-involviment tieghu kien bhala xhud ghall-istqarrija datata tmienja (8) ta' Settembru 2020.

Semghet lil Marie Bajada inrapprezentanza tal-Agenzija Appogg li pprezentat rapport immarkat Dok. MB1. Tghid li fis-sena 2019 giet moghtija l-kaz tal-parte civile. Tixhed li kien hemm zewg rapporti (wiehed tas-sena 2018 u l-iehor tas-sena 2019) li kienu jqajmu

thassib fuq il-parte civile. Tghid li kien qieghed jigi allegat li meta l-istess parte civile kellha hmistax (15)-il sena kienet f'relazzjoni u li f'tali relazzjoni kien qieghed ikun hemm atti sesswali mal-imputat.

Tkompli tghid li minn din ir-relazzjoni rrizultat li kien hemm tqala u li din it-tqala wasslet ghal korriment. Tixhed li kien hemm anke allegazzjonijiet dwar omm il-parte civile u li kienu relatati mal-prostituzzjoni. Tghid li stante dawn l-allegazzjonijiet hejjiet rapport ghall-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji u minn hemm saret investigazzjoni. Tghid li hi qatt ma kellha kuntatt mal-parte civile stante li hi hadet promozzjoni fil-karriera taghha u ghalhekk l-investigazzjoni tkompliet minn xi hadd iehor.

Semghet ix-xhieda tal-allegat vittma **-Omissis-** li tghid li kienet tohrog mal-imputat u li llum il-gurnata tghid li huma ghadhom f'relazzjoni intima. Tghid li m'ghandhomx tfal bejniethom. Tixhed u tesprimi x-xewqa taghha li tirrinunzja l-kawza fil-konfront tal-imputat.

## <u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi l-imputat Shemizen Attard qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewġ gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat Shemizen Attard u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi fuq dan l-ahhar punt hareg car kemm mir-rapport esebit a fol. 41 tal-atti processwali

kif ukoll mix-xhieda tal-parte civile li fl-ebda mument l-imputat Shemizen Attard kien vjolenti lejn l-istess -Omissis-.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (a fol. 2) u tal-minuri -Omissis- (a fol. 3) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kien ghadu kif ghalaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena u l-minuri -Omissis- kellha hmistax (15)-il sena izda però li kienet kwazi ghalqet is-sittax (16)-il sena fi zmien xahrejn. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' kwazi sitt (6) snin.

Illi hareg ukoll mit-testimonjanza tal-psikologu Kevin Sammut Henwood illi l-livell ta' maturità bejn il-parte civile u l-imputat huwa qrib. Hareg ukoll minn dan ix-xhud li l-imputat m'ghandux komportament li jrid jissupera lill-parte civile u jimmanipulaha:

*"Qorti: Pero ` gifieri kif qed nghidu hi li dil-persuna -Omisssis- hija tlahhaq mal-gurnata*

*Xhud: Iva iva.*

*Qorti: Mieghu gifieri mhux ghal grazzja tal-argument hu he takes over jew hu jikkontrollha jew whatever.*

*Xhud:* *Lele.*

*Qorti:* *Gifieri bhala livell ta' maturita` qieghdin nghidu li they are almost equal.*

*Xhud:* *F' relazzjoni kwazi l-istess fir-relazzjoni."*

Illi maghdud ma' dan il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jtenni il-*Probation Officer* Joseph Mizzi fir-rapport tieghu a fol. 50 tal-atti processwali u cioè:

> *"Shemizen m' ghandu l-ebda skuza sabiex jaqbad direzzjoni hazina f'hajtu u m' ghandux ikollu xkiel biex jimxi b' mod regolari fis-socjeta`. Huwa kapaci jzomm stabbli permezz ta' impjieg stabbli. Jekk huwa jahseb li, indirettament, is-sitwazzjoni familjari setghet halliet impatt fuqu, jista', flimkien mas-siehba tieghu, jirrikorru ghat-terapija tal-koppji, fejn jista' jassorbi taghlim ghal attitudni pozittiva lejn ir-relazzjoni. Din it-terapija toffrilu izjed sigurta` u inqas riskji. Huwa dejjem se jsib professjonisti li jiggwidawh skont il-htiega.* ***Biss, irid ikun lest jahdem fuq dawn l-aspetti u jilqa' l-pariri li jinghata.****"*

Illi stante dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li ghad hemm tama ghall-imputat sabiex jaqbad it-triq tas-sewwa u jikkommetti ruhu ghar-responsabbilitajiet li l-hajja odjerna ggib maghha. Ghalhekk din il-Qorti temmen li dan jista' jirnexxi biss b'permezz ta' gwida kontinwa minn professjonisti.

Illi din il-Qorti jidhrilha li mill-provi prodotti jirrizulta li l-att sesswali sar bil-kunsens tal-parte civile u stante li l-partijiet minn dejjem kienu u ghadhom f'relazzjoni stabbli bejniethom u stante li l-parametri tal-età u tal-maturità ta' bejn il-partijiet hija wahda accettabbli u vicina, din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz u din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 204C(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Shemizen Attard** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Ordni ta'

Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunità taht l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 ghal erbghin (40) siegha.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

\------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**